MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1468/2002/1

**Associated Supplies Limited**

**Vs**

**Leonard Cuschieri u b'digriet tal-11 ta Ottubru 2002 giet kjamata in kawza s-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta Gunju 2002 fejn intalab li l-
konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mija u sitta u ghoxrin lira tnejn u hamsin centezmu (Lm726.52) rapprezentanti bilanc ta prezz ta air conditioning units mibjugha u konsenjati mis-socjeta attrici prevja dikjarazzjoni okkorrendo fis-sens li kien sar ftehim ta tpacija bejn il-kontendenti ta Lm1827.48

fuq prezz ta xoghol mahdum mis-socjeta konvenuta fuq inkariku tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta Marzu 2002 u bl-imghaxijiet legali dovuta mill-istess data sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull-dritt iehor spettanti lill-istess socjeta attrici kontra l-istess konvenut fir-rigward tas-somma paccjuta kif hawn fuq spjegat.

Ra r-risposta tal-konvenut proprio datata 5 ta Lulju 2002 fejn eccepixxi preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta. Fit-tieni lok li l-gudizzju ma hux integru u b'mod generali li kienet infondata fattwalment u legalment. B'riserva ta eccezzjoniijet ulterjuri.

Illi b'digriet tal-11 ta Ottubru 2002 giet ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 2 ta Dicembru 2002 fejn ecceppiet ukoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna minnghajr ma ndikat pero l-artikolu tal-ligi relattiv u kif ukoll li ma hiex il-legittimu kontradittur oltre li t-talbiet kienu in linea generali nfondati fattwalment u legalment. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Il-konvenut Leonard Cuschieri xehed li kien sar ftehim ta tpacija bejnhu personalment u bejn Chris Rizzo f'isem is-socjeta attrici. Skond dan il-ftehim verbali li sar xi tliet snin qabel il-kawza, kellhom jinqatghu il-pendenzi ta bejniethom billi filwaqt li l-konvenut jaghmel xoghol ta aluminium is-socjeta attrici kellha tghaddilu erba a/c units. In kontro-ezami jerga jikkonferma li dan it-tpartit kellu jsir minnghajr ma jghaddu ebda hlasijiet. Fil-ftehim verbali

huma semmew biss l-affarijiet li kellhom isiru miz-zewg nahat rispettivi minnghajr ma gew indikati valuri. Minn dak in-nhar il-quddiem il-konvenut ma sema xejn aktar minn ghand is-socjeta attrici ghal madwar tliet snin shah sa ftit taz-zmien qabel ma giet intavolata l-odjerna kawza.

Illi skond l-ittra esebita a fol 20 tal-process, is-socjeta attrici baqghet tippretendi bilanc favur taghha ghall-ammont li qed jigi mitlub f'dina l-kawza wara li ssir it-tpacija tas-somma dovuta rispettivament miz-zewg partijiet. Din l-ittra si tratta ta nterpellanza bonarja (mhux ufficcjali) u datata 15 ta Marzu 2002 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta Gunju ta l-istess sena. Skond l-invoices dovuta mill-konvenut di proprio dawn jidher li l-ammonti jirrisalu ghas-sena 1998 u s-sena 2000.

Fl-affidavit tieghu Christopher Rizzo jikkonferma li kien sar ftehim verbali mal-konvenut li jsir tpartit bejn valur ta a/c units suppliti minnhom kontra valur ta xoghol ta aluminium supplit mid-ditta tal-istess konvenut. Izid jghid li in segwitu ta dan il-ftehim s-socjeta attrici ssupplixxiet u installat a/c units tal-valur ta Lm2554 filwaqt li hija rceviet kont minn ghand Cuschieri Brothers ghal xoghol ta aluminium tal-valur ta Lm1827. Dawn l-ammonti qatt ma thallsu in vista tal-ftehim ta tpacija pero meta l-konvenut baqa ma kompliex b'certu xoghol ta riparazzjoni u xoghol iehor li kellu jaghmel u kwindi ma baqax izomm mal-parti tieghu tal-ftehim is-socjeta attrici bdiet tippretendi l-hlas tal-bilanc bejn dawn iz-zewg valuri. Il-kontenut ta dan l-affidavit jinsab konfermat in sustanza minn Joe Aquilina li pprezenta wkoll l-invoices relattivi u prospett tax-xogholijiet maghmula miz-zewg nahat. Minnhabba l-eccezzjoni sollevata tal-preskrizzjoni huwa mportanti li jigi notat li x-xogholijiet mahduma mis-socjeta attrici jgibu d-dati tat-3 ta Dicembru 1999 u tat-8 ta Gunju1998.

Illi minn dan kollu jirrizulta li z-zewg nahat huma fi qbil li ghal habta tas-sena 1998/1999 kien sar ftehim verbali bejn Chris Rizzo f'isem is-socjeta attrici u Leonard Cuschieri f'isem is-socjeta konvenuta fejn kellu jigi attwat certu xoghol miz-zewg nahat bi tpartit minnghajr ma ssemmew ebda valuri. Qed jigi mehud li z-zewg partijiet

kienu fil-fatt iz-zewg socjetajiet partijiet f'din il-kawza peress illi altrimenti ma setax ikun hemm ftehim vera u proprja ta tpartit. Id-divergenza bejn iz-zewg nahat tinsab fil-fatt illi filwaqt li s-socjeta attrici in segwitu ivvalutat ix-xoghol mahdum u supplit miz-zewg nahat biex harget bi bilanc favur taghha mitlub f'dina l-kawza, l-konvenuti jikkontendu li ebda bilanc ma hu dovut stante li l-ftehim kien fis-sens li t-tpaltit kien ras imbrass minnghajr ma jithallsu ebda flejjes.

Iz-zewg konvenuti eccepew il-preskrizzjoni cioe dik kontemplata fl-artikolu 2148 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta – ghalkemm ma giex indikat is-subartikolu preciz, huma x'aktarx qed jirreferu ghal sub-artikolu (a) li jghid

*"L-azzjonijiet hawn that imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta tmintax il-xahar" (a) l-azzjonijiet tal-hajjata….u ta persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghal prezz ta l-opri jew tax-xogholijet taghhom jew tal-materjal li jfornu".*

Illi ma hemmx dubbju li x-xoghol ta l-atturi jaqa taht din il-kategorija ndikata fil-precitat artikolu u ghalhekk wiehed ghandu jezamina z-zminijiet rilevanti u jekk kienx hemm interruzzjoni tal-istess. Skond il-provi prodotti mill-istess socjeta attrici ghandu jirrizulta kwindi li x-xoghol esekwit skond invoice datata 8 ta Gunju 1998 huwa prekrivibbli wara t-8 ta Dicembru 1999 filwaqt li dak esekwit skond l-invoice datata 3 ta Dicembru 1999 huwa preskrivibbli wara t-3 ta Gunju 2000 u dak mahdum skond l-invoice datata 27 ta Lulju 2000 jaqa wara 27 ta Jannar 2002. Din il-kawza giet prezentata fit-13 ta Gunju 2002 u ma jirrizultax li qabel din id-data kien gie pprezentat xi att gudizzjarju iehor li jservi biex jinterrompi l-perjodu preskrittiv. Anqas ma jirrizulta li l-perjodu preskrittiv gie nterrott b'xi forma ohra bhal per ezempju b'xi pagament akkont jew b'xi ammissjoni da parti tal-parti l-ohra.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-ewwel eccezzoni sollevata mill-konvenuti, jiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta attrici hija preskritta ai

termini tal-artikolu 2148 (a) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u kwindi jichad it-talbiet attrici. L-ispejjes ta din il-kawza ghandhom pero jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------